31988R3974

L 351/21 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 21.12.1988

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3974/88 ta' l-20 ta' Diċembru 1988 li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1], dwar it-tariffa u n-nomenklatura dwar l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, skond kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KEE) Nru 3174/88 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi biex tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa ma' l-imsemmi Regolament, huwa meħtieġ li jkunu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Aness li jinsab ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 iffissa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li tkun kollha kemm hi jew parti minnha bbażata fuqha jew li żżid xi sottodiviżjonijiet addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità bil-ħsieb li l-applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra marbuta ma' kummerċ fi prodotti;

Billi, bis-saħħa tar-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament presenti għandhom ikunu klassifikati fil-kodiċi NM xierqa indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna 3;

Billi l-kumitat tan-nomenklatura ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati fin-nomenklatura magħquda fil-kodiċi NM xierqa indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Diċembru 1988.

Għall-Kummissjoni

COCKFIELD

Viċi-President

---

(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) ĠU L 298, tal-31.10.1988, p 1.

L-ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjonital-kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. *Zeolite* artifiċjali tat-tip y f'forma ta' *rodlets*, li jkollhom bħala piż mhux aktar minn 11 % sodju espress bħala sodju ossidu. Dan il-prodott hu użat fil-manifattura ta' katalisti	3823 90 20	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u l-kliem tal-kodiċi NM 3823 90 u 3823 90 20 Dan il-prodott għandu jkun ikkunsidrat bħala l-iskambjatur tal-jonju. Ara wkoll noti ta' spjegazzjoni għall-kodiċi 3823 90 20
2. Taħlit ta' aċidu *clavulanic inn* (50 % skond il-piż), melħ tal-potassa u ċelluloża *microcrystalline* biex jiġi inkorporat fi prodotti mediċi bbażati fuq l-antibijotiċi	3823 90 91	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-diżpożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 dwar l-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u l-kliem tal-kodiċi NM 3823, 3823 90 u 3823 90 91 Dan il-prodott ma jikkonformax ma' nota 1 (f) tal-kapitolu 29 Dan hu preparazzjoni intermedjarja li wkoll m'għandhiex il-karatteristiċi ta' prodott mediċinali skond it-tifsira tal-kapitolu 30 u hu kopert bit-tieni parti tal-kodiċi NM 3823
3. Polikarbonata ta' tetrabromo-(bisphenol a) li għandu piż molekulari medju ta' 3 000	3907 40 00	Klassifikazzjoni hija stabbilita permezz tad-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6, nota 3 (ċ) tal-Kapitolu 39 u t-testi tal-kodiċi NM 3907 u 3907 40 00